VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,875, 22 ta' Frar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 76 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

## STATUT LI JIRREGOLA T-TRAFFIKU FUQ IL-KAMPUS TAL-UNIVERSITÀ – IKKLAMPJAR U TNEĦĦIJA TA' OĠĠETTI LI JINGUMBRAW

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(1) u (2) ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut li jirregola t-traffiku fuq il-kampus tal-Università – ikklampjar u tneħħija ta' oġġetti li jingumbraw.

**Definizzjoni u Interpretazzjoni**

2. F'dan l-Istatut, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

"żona ta' klampjar" u "żona ta' rmonk" ifissru kull post jew żona kif jista jkun indikat permezz ta' avviż maħrug mir-Rettur, mill-Maniġer tad-Dipartiment tal-Bini u Manutenzjoni jew uffiċjal mill-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus, kif ukoll permezz ta' sinjali u marki fit-termini tad-dispożizzjonijiet tar-'Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata', fejn l-ipparkjar projbit tal-vetturi huwa soġġett għat-tqegħid ta' mrabat mar-roti jew ta' rmonk ta' vetturi minn żona hekk kif il-każ jirrikjedi;

"oġġetti li joħolqu tfixkil" iffissru kwalunkwe vettura, inġenji tal-baħar jew kwalunkwe oġġetti oħra li jostakolaw jew jimpedixxu, jikkawżaw inkonvenjent jew inkonvenjenza f'kwalunkwe passaġġ, aċċess għal rampa, bieb ta' garaxx, entratura ta' parkeġġ, spazju ta' ipparkjar għal persuni b'diżabilità li għandhom il-'*Blue Badge*', kif ukoll spazji ta' ipparkjar riservati jew kull post ieħor kif inhu indikat bis-sinjali rilevanti;

"Università" tfisser l-Università ta' Malta;

"Vetturi" jinkludu iżda mhumiex limitati għal karozzi, trakkijiet, muturi, skuters bil-mutur, karozzi elettriċi, roti u '*mopeds'*.

**Politika Ġenerali**

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawn ir-regoli u r-regolamenti, is-sinjali u l-marki kollha fit-termini tad-dispożizzjonijiet tar-'Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata', għandhom ikunu applikabbli fuq il-proprjetà kollha tal-Università mingħajr distinzjoni. Dan jinkludi, iżda mhux limitat, għall-limiti ta' veloċità imposti, sinjali tat-traffiku, u mezzi oħra ta' kontroll tat-traffiku.

4. L-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus huwa responsabbli għall-ġestjoni tat-traffiku fl-Università.

5. Is-sidien tal-vetturi huma responsabbli għat-telf, ħsara jew serq lill-vetturi tagħhom u/jew il-kontenut tagħhom filwaqt li l-vetturi jkunu fuq il-proprjetà tal-Università. L-Università ma tassumi l-ebda responsabbiltà għall-ħsara jew serq ta' xi vettura jew il-kontenut tagħha filwaqt li l-vettura tkun ipparkjata jew misjuqa fuq il-kampus. L-Università mhix responsabbli għad-danni li jistgħu jseħħu waqt li l-vettura tkun issekwestrata, rilokata, jew meta Uffiċjal tas-Sigurtà Pubblika jew impjegat ieħor qed jassisti f'servizz ta' għajnuna.

6. (a) Hija r-responsabbiltà ta' kull individwu li juża l-vettura l-Università, sabiex jifhmu u jikkonformaw mal-Istatut li jirregola t-traffiku fuq il-kampus tal-Università – ikklampjar u tneħħija ta' oġġetti li jingumbraw. Nuqqas ta' dan iwassal għal azzjonijiet ta' infurzar;

(b) ir-regoli u r-regolamenti li jinsabu f'dan l-Istatut jistgħu jiġu nfurzati minn kwalunkwe impjegat responsabbli mill-parkeġġ, minn kull Uffiċjal tas-Sigurtà Pubblika u minn kull uffiċjal ieħor awtorizzat mill-Università. L-Università tirriżerva d-dritt li tirrevoka vetturi, jew tagħmel mrabat magħhom jew jiġu ssekwestrati permezz tas-servizzi ta' terzi partijiet inkluż aġenziji barra mill-kampus.

7. L-ipparkjar ta' vetturi fuq il-proprjetà tal-Università huwa privileġġ, mogħtija mill-Università u mhuwiex dritt inerenti ta' kull impjegat, student jew viżitatur. L-Università tirriżerva d-dritt li tirrevoka l-privileġġ ta' parkeġġ fi kwalunkwe ħin li tiddeċiedi hi. Dawk il-vetturi li jinsabu fuq il-proprjetà tal-Università, li jappartjenu lil dawk l-individwi li kellhom il-privileġġ tal-parkeġġ revokat, se jitneħħew minnufih għas-spejjeż tas-sid.

8. L-Università teħtieġ li l-membri kollha tal-Università jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli waqt is-sewqan tal-vetturi b'rabta mal-attivitajiet jew xogħol relatat mal-Università. Dan jinkludi l-vetturi li huma proprjetà tal-Università.

9. L-Università għandha tinżamm eżenti minn kull responsabbiltà għal kwalunkwe dannu li jseħħ b'konnessjoni ma' tqegħid ta' mrabat jew it-tneħħija tagħhom, fil-ħażna jew fir-rimi ta' oġġetti li joħolqu tfixkil. Kwalunkwe persuna misjuba ħatja li aġixxiet bi skop li tagħmel ħsara jew misjuba ħatja ta' negliġenza serja fil-qadi ta' dmirijiet matul it-tqegħid jew it-tneħħija tal-mrabat, jew il-ħażna jew ir-rimi ta' vetturi, m'għandhix tkun eżonerata mir-responsabbiltà għad-danni kkawżati.

10. Ir-roti għandhom jiġu pparkjati fil-faċilitajiet provduti għall-ħażna tar-roti.

11. Huwa projbit li vetturi (inklużi l-'*motor homes'* jew *campers*) jiġu użati bħala unitajiet ta' għajxien waqt li jkunu pparkjati fuq il-proprjetà tal-Università. L-użu ta' spazji tal-parkeġġ bħala żoni ta' ħażna privata għall-vetturi, dgħajjes, trejlers, u oġġetti oħra li jistgħu jfixklu l-fluss liberu tat-traffiku jew l-użu ta' spazji ta' parkeġġ għall-użu intenzjonat tagħhom huwa pprojbit.

12. Kwalunkwe pparkjar jew sewqan ta' vetturi ġewwa kull proprjetà tal-Università fejn tali użu ta' vetturi huwa pprojbit, se jinħarġu b'taħrika xierqa u l-vettura titneħħa spejjeż tas-sid.

13. Kull miżura meħuda mill-Università taħt dan l-Istatut m'għandhix tippreġudika azzjoni kriminali jew ċivili kontra partijiet li jagħmlu xi offiża.

14. Il-traffiku u r-regolamenti tal-ipparkjar kif speċifikat f'dan l-Istatut għandhom japplikaw erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa inkluż il-vaganzi.

15. L-Università tirriserva d-dritt li tbiddel l-Istatut tagħha li li jirregola t-traffiku fuq il-kampus tal-Università – ikklampjar u tneħħija ta' oġġetti li jingumbraw fi kwalunkwe ħin li tiddeċiedi hi.

**Permessi ta' Pparkjar**

16. Il-permessi għall-ipparkjar jinħarġu lill-impjegati tal-Università, l-istudenti u l-viżitaturi;

(a) il-vetturi kollha pparkjati fuq il-kampus għandhom viżibilment juru permess validu tal-parkeġġ tal-Università. Il-vetturi għandhom jiġu pparkjati fiż-żona indikata fuq il-permess maħruġ. Jekk dan ma jseħħx l-vettura tiġi kkunsidrati bħala waħda li hija pparkjata illegalment. Il-permessi għandhom jiġu murija b'tali mod li t-tip ta' permess jingħaraf faċilment u n-numru tal-permess jinqara faċilment. Fin-nuqqas li jintwera l-permess bil-mod imsemmi, jiġi kkunsidrat bħala ksur ta' dawn ir-regoli u jista' jwassal għall-penali kontemplati f'dan l-Istatut;

(b) il-permess għall-parkeġġ maħruġ mill-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus ma jiggarantix d-disponibbiltà ta' spazju għall-parkeġġ. Il-parkeġġ jista' ma jkunx disponibbli bħal fil-każ ta' proġetti ta' kostruzzjoni jew avvenimenti speċjali;

(ċ) tbagħbis, tibdil, jew b'xi mod dupplikazzjoni tal-permessi uffiċjali tal-Università għall-ipparkjar huwa projbit;

(d) meta jintilef il-permess tal-parkeġġ tal-Università, l-ispiża ta' sostituzzjoni tammonta għal €25. Dan ħlief meta l-permess għandu jiġi sostitwit fil-każ meta l-vettura tkun misruqa, jew fil-każ li tiġi provduta evidenza ta' dħul bil-forza fil-vettura b'riżultat li l-permess maħruġ uffiċjalment ikun misruq.

**Spazji u Żoni għall-Parkeġġ**

17. Ipparkjar mhux permess:

(a) f'żoni li huma allokati għall-persuni b'diżabilità, f'żoni mmarkati bħala riservati, jew f'żoni speċjali oħra, sakemm permessi speċjali ma jkunux inħarġu mill-awtoritajiet tal-Università;

(b) fi kwalunkwe żona mmarkata b'mod ċar, bħal "*Keep Clear*";

(ċ) fil-*crosswalks* fejn in-nies ikunu mexjin, *driveways*, żoni *landscaped* jew *soft areas*, fuq bankini jew b'xi mod li timpedixxi lil min ikun miexi, jew il-fluss faċli ta' traffiku tal-vetturi;

(d) f'distanza ta' metru minn żona li hija riservata għall-*wheelchair*.

18. Żoni ta' parkeġġ huma riservati għall-uffiċjali għolja tal-Università, Dekani u Diretturi. Dawk li għandhom żona ta' parkeġġ riservata ma jistgħux jipparkjaw f'kull spazju għall-parkeġġ ħlief f'dawk tagħhom stess. Dawk li għandhom żona ta' parkeġġ riservata jistgħu jawtorizzaw lil ħaddieħor biex jipparkjaw fiż-żona allokata lilhom la darba jinnotifikaw lill-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus. L-ispazji riservati fl-Università jinkludu:

(a) riservati temporanjament: spazji għall-parkeġġ, li jkunu mmarkati b'mod ċar bl-użu ta' koni u/jew barrikati, jista' jkunu riservat għal perjodu ta' żmien għall-individwi speċifiċi jew gruppi;

(b) vettura tal-Università biss: parkeġġ riservat għall-vetturi uffiċjali tal-Università;

(ċ) spazji għal persuni b'diżabilità / Kurituri għall-Aċċess: Spazji u l-kurituri ta' aċċess ħdejhom huma riservati għall-vetturi li juru l-permess tad-diżabilità (*Blue Badge)* validu maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

19. Permessi temporanji għall-parkeġġ għal dawk b'diżabilità huma wkoll maħruġa mill-Università. Dawn il-permessi huma disponibbli għall-persuni li jippreżentaw nota verifikabbli minn tabib mediku li jiddikjara li l-persuna teħtieġ aċċess ta' diżabilità għal perjodu ta' żmien speċifikat. Dawn il-vetturi għandhom ukoll juru permess validu għall-parkeġġ.

20. L-ispazji riservati huma riservati erbgħa u għoxrin siegħa (24) kuljum u sebat (7) ijiem fil-ġimgħa. Vetturi mhux awtorizzati li jokkupaw dawn l-ispazji jew li jimblukkaw l-aċċess għall-ispazju allokat għall-persuni b'diżabilità jew aċċess għas-siġġu tar-roti ser jiġu penalizzati skont ir-regoli ta' dan l-Istatut. Saħansitra l-vettura se tkun suġġetta għat-tneħħija, rilokazzjoni jew tistgħa tiġi konfiskati għas-spejjeż tas-sid.

**Assenjazzjoni ta' Parkeġġ**

21. Permessi għall-parkeġġ huma disponibbli kif ġej:

(a) għall-istudenti kollha rreġistrati l-Università. Parkeġġ għall-istudenti huwa ristrett għal spazji ta' parkeġġ immarkati b'linja blu li mhux riservati madwar il-kampus;

(b) lil impjeġati akkademiċi kollha maħtura mill-Kunsill fuq bażi ta' *full-time* u *part-time*. Parkeġġ għall-istaff akkademiku huwa ristrett għal spazji ta' parkeġġ immarkati b'linja safra li mhux riservati;

(ċ) lil impjeġati mhux akkademiċi kollha maħtura mill-Kunsill. Parkeġġ għall-istaff mhux akkademiku huwa ristrett għal spazji ta' parkeġġ immarkati b'linja bajda li mhux riservati;

(d) lil impjeġati akkademiċi, amministrattivi u tekniċi tal-Junior College. Parkeġġ għall-istaff akkademiku tal-Junior College huwa ristrett għall-ispazji mmarkati b'linja safra li mhux riservati filwaqt li l-parkeġġ għal-istaff amministrattiv u tekniku huwa ristrett għal spazji ta' parkeġġ immarkati b'linja bajda li mhux riservati;

(e) lill-gradwati tal-Università. Dawn il-viżitaturi jistgħu jiksbu Karta tal-Alumni tal-Università ta' Malta mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni u r-Relazzjonijiet mal-Alumni li se ttihom aċċess għal permessi ta' ipparkjar għal ġurnata bħala viżitatur. Il-parkeġġ għal dawn il-gradwati huwa ristrett għal spazji bojod;

(f) għall-viżitaturi tal-Università. Viżitaturi huma meħtieġa li juru permess validu għal viżitatur għal dik il-ġurnata li jixtiequ jipparkjaw fuq il-kampus. Permessi jistgħu jinkisbu mill-entratura prinċipali tal-kampus meta juru evidenza tal-ħtieġa għad-dħul. Parkeġġ għall-viżitaturi huwa ristrett għall-ispazji bojod;

(g) permessi għal gruppi li mhumiex impjegati. Dawn għandhom ikunu mitluba minn qabel lill-Uffiċċju tal-*Precincts* bil-kundizzjoni li d-dipartiment jew individwi li qed jospitaw dan il-grupp jikkonfermaw lill-Uffiċċju l-ħtieġa tal-permess għall-parkeġġ.

(h) għall-ipparkjar f'Avveniment speċjali. Arranġamenti għal dawn l-avvenimenti għandhom isiru mal-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus hekk kif l-avvenimenti jiġu skedati. Talbiet għal dawn il-permessi għandhom jaslu għand l-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus tletin (30) jum qabel sabiex ikun hemm żmien biżżejjed għall-Uffiċċju sabiex jipjana t-twaqqif ta' faċilitajiet ta' parkeġġ għall-avvenimenti speċjali. L-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus jitolbu ħlas għal dawn it-talbiet biex ikopru d-disponibbiltà ta' uffiċjal ta' Sigurtà preżenti matul l-avvenimenti speċjali bħal dawn.

**Infurzar**

22. Nuqqas ta' osservanza ta' regoli u regolamenti f'dan l-Istatut jista' jwassal għall-azzjonijiet ta' infurzar li ġejjin:

(a) l-Università tista' tneħħi u tirriloka kwalunkwe oġġett li joħloq tfixkil li jikkawża inkonvenjent jew ostaklu għat-traffiku u kwalunkwe oġġett li jinsab f'post jew spazju fejn mhux permess l-użu għal dawn l-iskopijiet, jew jekk tali post jew spazju hu speċifikament indikata bħala żona ta' rmonk;

(b) għandu jkun legali għall-Università li tagħmel mrabat mar-roti għal kull vettura li tkun ipparkjata jew li titħalla waħedha f'żona speċifikament indikata bħala żona ta' ikklampjar. Vetturi se jkunu klampjati jekk mhumiex identifikati jew huma pparkjati fl-ispazji tal-parkeġġ ħażin;

(ċ) ir-rilokazzjoni ta' vetturi tista' sseħħ meta vettura tkun ipparkjata fi spazju riservat, żona riservata, jew meqjusa bħala ostaklu għat-traffiku, parkeġġ jew aċċess għall-bini. Vetturi li huma rilokati għal żoni oħra fuq il-kampus jistgħu jinkisbu mis-sid irreġistrat kontra l-ħlas ta' multa. Vetturi ikkonfiskati jistgħu jitneħħew mill-kampus minn persuna jew aġenzija awtorizzata mill-Università. Vetturi jiġu ingħatati lura lill-sidien fuq min il-vettura hija rreġistrata wara l-ħlas tal-miżata rilevanti. Matul il-kors tar-rilokazzjoni jew konfiska, jista' jkun meħtieġ li impjegat awtorizzat tal-Università jew l-aġenzija tal-irmonk sabiex jiddettermina l-istat għall-vettura u dan se jiġi kkunsidrat kif suppost u legali;

(d) l-Università għandha tippubblika Avviż ta' Tneħħija fil-bieb prinċipali tas-Sigurtà jew fl-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus, fejn jiġi deskritt l-oġġett li kien qed joħloq tfixkil li tneħħa u li tindika l-post eżatt minn fejn tneħħiet u minn fejn tista' tiġi rkuprata;

(e) vetturi abbandunati fil-bini tal-Università li s-sidien ma jistgħux jiġu ntraċċati, se jiġu rrappurtati lill-Korp tal-Pulizija Maltija għal aktar azzjoni.

**Multi Imposti**

23. Kull taħrika u multi relatati ma' ksur ta' dan l-Istatut inkluż l-irmonk u l-ikklampjar ta' vetturi huma r-responsabbiltà tal-persuna li f'isimha l-vettura hija rreġistrata mal-Università, irrispettivament minn jekk dawn humiex is-sidien jew sewwieqa tal-vettura.

24. (a) Il-multi li ġejjin se jiġu infurzati fil-każ ta' ksur:

Ikklampjar ta' karozza ..................... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... € 23.00
Irmonk ta' karozza ................................................ ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... € 80.00

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi dawn il-ħlasijiet fid-diskrezzjoni tagħha. Kwalunkwe reviżjonijiet eventwali ta' dawn it-tariffi ser ikunu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Finanzi.

(b) il-multi għandhom jitħallsu fil-fergħa tal-Maltapost ġewwa l-Univerista'. Dawk li jixtiequ joġġezzjonaw għall-multa imposta jridu jagħmlu appell lid-Direttur tal-Finanzi fi żmien erbatax-il (14) jum kalendarju mid-data tat-taħrika maħruġa. Il-Multi dovuti għandhom jitħallsu b'mod sħiħ, qabel it-tnedija tal-appell;

(ċ) f'każ ta' nuqqas li titħallas il-multa relevanti, student jista' ma jiġix mħalla jirreġistra għall-klassijiet, milli jikseb rekords akkademiċi u t-traskrizzjonijiet, u tista' tissuġġetta l-vettura tad-detentur li tiġi ssekwestrata. Fil-każ ta' impjegati tal-Università, in-nuqqas tal-ħlas jistgħa jirriżulta fl-irtirar tal-permess għall-parkeġġ.

25. Kull persuna mhux awtoriżżata, li tipprova tneħħi jew tneħħi il-mrabat tar-roti fissi ma' vettura, tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Istatut.

26. Il-Mrabat tar-roti m'għandhomx jitneħħew mill-Università lanqas m'għandha l-vettura tingħata lura lis-sid tagħha qabel mad-drittijiet imposti mill-Università skont dan l-Istatut jkunu ġew imħallsa.

27. Jekk is-sid jonqos milli jirkupra l-vettura tiegħu jew jonqos milli jħallas multi pendenti, l-Uffiċċju għall-Iżvilupp tal-Kampus ser jirrappurtaw il-każ lill-Korp tal-Pulizija Maltija għal aktar azzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 76 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**STATUTE TO REGULATE TRAFFIC ON UNIVERSITY CAMPUS - CLAMPING AND REMOVAL OF ENCUMBERING OBJECTS**

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 74(5) and 75(6) of the Education Act, the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following Statute to Regulate Traffic such Statute made by the Council of the University of Malta in virtue of the powers conferred upon it by articles 75(1) and (2) of the said Act:

**Citation**

1. This Statute may be cited as the Statute to Regulate Traffic on University Campus – Clamping and Removal of Encumbering Objects.

**Definition and Interpretation**

2. In this Statute, unless the context otherwise requires

"clamping zone" and "towing zone" mean any such place or area as may be indicated by notice issued by the Rector, Estate and Works Manager or the Precincts Officer and by means of signs and markings in terms of the provisions of the Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations, 1969, where the prohibited parking of vehicles is subject to the fixing of clamps to wheels or the towing away of such vehicles from such zone as the case may be;

"encumbering objects" means any motor vehicle, sea craft or any other thing obstructing or otherwise impeding, causing nuisance or inconvenience in any passage way, covered walkway and public area, access ramp, garage door, car park entrance, parking bay for disabled Blue Badge holders and any reserved parking bay or any other place as indicated with the relevant signage;

"University" means the University of Malta;

"Vehicles" include but are not limited to automobiles, trucks, motorcycles, motor-scooters, electric cars, bicycles and mopeds.

**General Policy**

3. Unless otherwise provided for by these rules and regulations, all signs and markings in terms of the provisions of Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations, 1969, shall be applicable on all of the University property without distinction. This includes but is not limited to posted speed limits, traffic signs, and other traffic control devices.

4. The Precincts Office is responsible for the traffic management at the University.

5. Vehicle owners are themselves responsible for loss, damages or theft to their vehicles and/or their contents whilst the vehicles are on University property. The University assumes no responsibility for the damage to or theft of any vehicle or its contents whilst the vehicle is parked or driven on campus. The University is not responsible for damage that may occur whilst a vehicle is impounded, relocated, or when a Public Safety Officer or other employee is assisting in a help-related service.

6. (a) It is the responsibility of the individual operating a vehicle on the University premises to understand and comply with the Statute to Regulate Traffic. Failure to do so will lead to enforcement actions;

(b) rules and regulations contained in this Statute can be enforced by any Parking Services Employee, any Public Safety Officer and any other authorized University official. The University reserves the right to either relocate vehicles, have them clamped or impounded through the services of third parties including an off-campus agency.

7. The parking of a motor vehicle on the University property is a privilege, granted by the University and is not an inherent right of any employee, student or visitor. The University reserves the right to revoke parking privileges at any time it so decides. Vehicles located on the University premises found to belong to individuals whose parking privileges have been revoked will be removed immediately at the owner's expense.

8. The University requires all members of the University community to comply with all applicable laws while driving any motor vehicles in connection with University related activities or business. This includes vehicles owned by the University.

9. The University shall be held exempt from any liability for whatever damage is suffered in connection with the fixing of clamps or their removal, in the storage and disposal of encumbering objects. Any person found guilty of acting out of malice or found guilty of gross negligence in the performance of his duties during

the fixing or removal of the clamps, or the storage or the disposal of vehicles, shall not be exonerated from liability for the damages caused.

10. Bicycles must park in bicycle racks or facilities provided for bike storage.

11. It is forbidden for vehicles (including motor homes or campers) to be used as living units whilst parked on the University premises. The use of parking spaces as private storage areas for vehicles, boats, trailers, and other objects that can impede the free flow of traffic or the use of parking spots for their legitimate intended use is forbidden.

12. Anyone parking or driving vehicles inside any University property where such use of vehicles is forbidden will be issued with the proper summons and the vehicle will be removed at the owner's own expense.

13. Any measure taken by the University under this Statute shall not prejudice criminal or civil action against offending parties.

14. The traffic and parking regulations as specified in this Statute shall apply twenty-four (24) hours a day, seven (7) days a week including holidays.

15. The University reserves the right to change its Statute to Regulate Traffic at any time it so decides.

**Parking permits**

16. Parking permits are issued to University employees, students and visitors;

(a) all vehicles parked on campus must visibly display a valid University parking permit. Vehicles must be parked in the area indicated on the permit issued. Otherwise the vehicle will be considered as illegally parked. Permits must be displayed in a manner so that the permit type is easily distinguishable and the permit numbers visible and legible. Failure to display permits in the stated manner will be considered a violation of these rules and may result in penalties contemplated by this Statute;

(b) a parking permit issued by the Precincts Office does not guarantee the availability of a parking space which may not be available such as in the case of, construction projects or special events;

(c) tampering with, altering or in any way forging duplicates of official University parking permits is prohibited;

(d) the cost of replacing a lost University parking permit is €25, except where the permit needs to be replaced in the case of the vehicle being stolen or in the case of providing evidence of a forcible entry into the vehicle as a result of which an officially issued permit was stolen.

**Parking Spaces and Areas**

17. Parking is not permitted;

(a) in areas which are allocated for disabled persons, are marked as reserved, or in other special areas unless special permits have been issued by the University authorities;

(b) in any area which is clearly marked "Keep Clear";

(c) in pedestrian crosswalks, driveways, landscaped or soft areas, on sidewalks or in any manner that impedes pedestrian or the easy flow of vehicle traffic;

(d) within one metre of a sidewalk kerb which is reserved for wheelchair access.

18. Reserved parking slots are available for the University high officials, Deans and Directors. Reserved parking slot holders may not park in any parking space other than their own. Reserved parking slot holders may authorize others to park in their allotted slot granted they duly notify the Precincts Office. University reserved spaces include:

(a) temporary-Reserved: parking slots, which will be clearly marked by the use of cones and /or barricades, can be reserved for a time period for specific individuals or groups;

(b) University Vehicle Only: parking reserved for official University vehicles;

(c) Slots for disabled persons/Access Corridors: Slots and their adjacent access corridors are reserved for vehicles displaying valid disabled Blue Badge permits issued by the Commission of Police.

19. Temporary disabled parking permits are also issued by the University. These permits are available to persons who present a verifiable note from a medical doctor stating that the person needs disability access for a specified period of time. These vehicles must also display the relevant valid parking permit.

20. Reserved spaces are reserved (24) twenty-four hours a day and (7) seven days a week. Unauthorized vehicles illegally occupying these spaces or blocking access to either a space earmarked for disabled persons or their wheelchair access corridor will be penalised according to the rules of this Statute and will be subject to vehicle removal, relocation or will be impounded at the owner's expense.

**Parking Assignments**

21. Parking permits are available as follows:

(a) to all registered University students. Parking for students is restricted to blue lined non reserved parking spaces around campus;

(b) to all full and part-time Council appointed academic staff. Parking for academic staff is restricted to yellow lined non reserved parking spaces;

(c) to all full and part-time Council appointed non-academic staff. Parking for non-academic staff is restricted to white lined non reserved parking spaces;

(d) to Junior College academic, administrative and technical staff. Parking for Junior College academic staff is restricted to yellow lined non reserved parking spaces, whilst parking for administrative and technical staff is restricted to white lined non reserved parking spaces;

(e) to graduates of the University. These visitors may obtain a University of Malta Alumni Card from the Communications and Alumni Office which will entitle them to daily visitor parking permits. Parking for graduates is restricted to white spaces;

(f) to visitors of the University. Visitors are required to display a valid visitor permit for each day they wish to park on campus. Permits may be obtained from the main entrance to campus against evidence of the need for entry. Parking for visitors is restricted to white spaces;

(g) to non-employee group permits. These must be sought from the Precincts Office in advance on condition the host department or individual confirms to the Office the need of a non employee parking permit.

(h) for Special Event parking. Arrangements for these events must be made with the Precincts Office as soon as the events are scheduled. Requests for such permits must reach the Precincts Office thirty (30) days in advance in order to allow enough time for the Office to adequately plan the setting up of parking facilities for the special event. The Precincts Office will charge a fee against such requests to cover the availability of a Public Safety officer present during such special events.

**Enforcement**

22. Failure to observe rules and regulations in this Statute can lead to the following enforcement actions:

(a) the University may remove and relocate any encumbering object causing nuisance, inconvenience or obstruction to traffic and/or any encumbering object in a place or space not permitted by the University for the use of such purposes, or if such a place or space is specifically indicated as a towing zone;

(b) it shall be lawful for the University to fix wheel clamps to any motor vehicle parked or left unattended in an area specifically indicated as a clamping zone. Vehicles will also be clamped if they are unidentified or are parked in the wrong parking slots;

(c) the relocation of vehicles may take place when a vehicle is parked in a reserved space, reserved area, or deemed to be obstructing traffic, parking, or access to buildings. Vehicles that are relocated to another area on campus may be retrieved by the registered owner against the payment of a fine. Vehicles that are impounded can be removed from campus by a person or agency authorised by the University. Vehicles will be released to the registered owner against payment of the relevant fee. During the course of relocation or impounding, it may be necessary for an authorised University employee or the towing agency to access the vehicle and this will be considered proper and lawful;

(d) the University shall publish a Notice of Removal at the Security main gate or at the Precincts Office, describing the encumbering object removed and indicating the exact location from where it was removed and the holding ground from where it can be retrieved;

(e) abandoned vehicles on University premises whose owners cannot be traced, will be reported to the Maltese Police Force for further action.

**Charges**

23. All summons and fines related to violations of this Statute including the towing and clamping of vehicles are the responsibility of the person in whose name the vehicle is registered with the University, regardless of whether they are the offending driver or owner of the vehicle.

24. (a) The following fines will be enforced in the case of violations:

Car clamping.................................................................................. €23.00
Car towing........................................................................................ €80.00

The Council reserves the right to review these charges at its discretion. Any eventual reviews of these charges will be publicised by the Finance Office.

(b) fines are to be paid at the Maltapost branch at the University. Those wishing to object to the fine imposed must appeal to the Director of Finance within fourteen (14) calendar days from the date of the summons being issued. Fees due must be paid in full, prior to launching an appeal;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(c) failure to pay the elative fine may prevent a student from registering for classes, from obtaining academic records and transcripts, and may make the permit holder's vehicle subject to being impounded. In the case of University employees, failure to pay may result in the withdrawal of a parking permit.

25. Any unauthorised person who attempts to remove or removes wheel clamps fixed to a motor vehicle, shall be guilty of an offence against this Statute.

26. Wheel clamps shall not be removed by the University nor shall the vehicle be returned to its owner before fees levied by the University in terms of this Statute have been paid.

27. Should an owner fail to retrieve his vehicle or fail to pay pending fines the Precincts office will report the case to the Maltese Police Force for further action.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.72